

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0314/2007**

11.9.2007

**\*\*\*III**

## **RAPPORT**

dwar it-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferroviji Komunitarji u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' infrastruttura għall-kapaċità tal-ferroviji u l-intaxxar tal-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-ferroviji  
(PE-CONS 3635/2007 – C6-0212/2007 – 2004/0047(COD))

Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

Chairman tad-delegazzjoni: Alejo Vidal-Quadras  
Rapporteur: Georg Jarzembowski

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## WERREJ

Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW **Error!**  
**Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

PROCĊEDURA.....**Error! Bookmark not defined.**



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferroviji Komunitarji u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' infrastruttura għall-kapaċità tal-ferroviji u l-intaxxar tal-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-ferroviji (PE-CONS 3635/2007 – C6-0212/2007 – 2004/0047(COD))

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 3635/2007 – C6-0212/2007),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>1</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2004)0139)<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari<sup>3</sup> dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament mal-pożizzjoni komuni (COM(2007)0078)<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(5) tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regola 65 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A6-0314/2007),
1. Japprova t-test konġunt;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill bi qbil ma' l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, ladarba jkun verifikat li l-proċeduri kollha tlestew b'mod xieraq, u, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, biex ikun ippubblikat, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>1</sup> ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 460.

<sup>2</sup> Għadha mhix ippublikata fil-ĠU.

<sup>3</sup> Testi Adottati, 18.1.2007, P6\_TA(2007)0003.

<sup>4</sup> ĠU C 289 E, 28.11.2006, p. 30.

<sup>5</sup> Għadha mhix ippublikata fil-ĠU.

## NOTA SPJEGATTIVA

### SFOND

Fit-3 ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji ferrovjarji tal-Komunità. L-għan fundamentali tagħha kien li jittejjeb l-aċċess għas-suq ferrovjarju. L-elementi prinċipali tal-proposta kienu:

- Mill-1 ta' Jannar 2010, in-netwerks ferrovjarji nazzjonali ta' l-Istati Membri kienu se jinfetħu għal użu mill-kumpaniji ferrovjarji kollha li jipprovdu servizzi internazzjonali għall-passiġġieri.
- Il-kumpaniji ferrovjarji kienu se jkunu permessi jiġbru u jniżżlu passiġġieri fi kwalunkwe stazzjon f'rota internazzjonali, anke fi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru.
- Jistgħu jkunu imposti restrizzjonijiet mal-ftuħ tan-netwerks jekk dan il-ftuħ jipperikola l-ekwilibriju ta' servizz tal-passiġġieri stabbilit f'kuntratt tas-servizz pubbliku.

Din il-proposta kienet waħda minn erba' li jiffurmaw 'l hekk imsejjaħ 'It-Tielet Pakkett Ferrovjarju'. Il-proposti l-oħrajn kienu għal Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi għal passiġġieri, għal Direttiva dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji, u għal Regolament dwar servizzi ferrovjarji tal-merkanzija. Il-Parlament irrifjuta l-aħħar waħda minn dawn fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2006.

Il-kumitat responsabbli, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, ħatar lis-Sur Jarzembowski bħala rapporteur għall-proposta ta' l-aċċess għas-suq ferrovjarju. Il-Parlament lesta l-ewwel qari fit-28 ta' Settembru 2005. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu fit-18 ta' Settembru 2006.

Ir-riżultat tal-votazzjoni tat-tieni qari tal-Parlament fit-18 ta' Jannar 2007 kien pjuttost viċin mal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill, peress li l-emenda tal-Kumitat biex in-netwerks nazzjonali jinfetħu wkoll għas-servizzi nazzjonali tal-passiġġieri akkwistat l-appoġġ ta' maġġoranza ċara iżda ma akkwistatx il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ta' 393 vot. Mit-18-il emenda adottati mill-Parlament, ħamsa kkonċernaw dispożizzjonijiet tal-komitoloġija. Il-punti ta' differenza l-oħrajn bejn il-ko-leġiżlaturi kkonċernaw it-taxxa biex tiffinanzja servizzi tal-passiġġieri stabbiliti f'kuntratti tas-servizz pubbliku, u l-obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni.

### KONĊILJAZZJONI

Il-Kunsill sussegwentement indika b'mod mhux formali li huwa ma jkunx jista' jaċċetta l-emendi kollha tal-Parlament u li b'riżultat ta' dan tkun meħtieġa proċedura ta' konċiljazzjoni.

Il-laqgħa kostitwenti tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni saret fi Strasburgu fl-14 ta' Frar. Il-membri tagħha ddeċidew li t-tliet fajls dwar il-linji ferrovjarji għandhom ikunu trattati bħala pakkett fil-konċiljazzjoni, kif kienu fl-istadji ta' qabel tal-proċess leġiżlattiv. Huma talbu liċ-Chairman, is-Sur Vidal-Quadras, iċ-Chairman tal-kumitat

responsabbli, is-Sur Costa, u r-rapporteurs, is-Sur Jarzembowski, is-Sur Savary u s-Sur Sterckx, biex jibdedw negozjati informali mal-Kunsill.

Saru tliet laqgħat bejn it-tliet partijiet (fit-13 ta' Marzu, fl-24 ta' April u fil-15 ta' Mejju): wara kull waħda minn dawn, it-tim ta' negozjaturi rrapporta lura lid-delegazzjoni tal-PE (fl-14 ta' Marzu, fil-25 ta' April u fit-23 ta' Mejju). Sakemm kien ikkonċernat il-fajl dwar l-aċċess għas-suq ferrovjarju, twestaq progress lejn ftehimha dwar dawk il-gruppi ta' emendi li kkonċernaw l-iskop, il-ftehimiet ta' qafas u d-dispożizzjonijiet ta' komitoloġija. Iżda, iż-żewġ punti prinċipali ta' differenza - it-taxxa u l-obbligi ta' rappurtar - baqgħu mingħajr soluzzjoni.

Il-proċedura ta' konċiljazzjoni kienet mibdija b'mod formali fil-5 ta' Ġunju 2007. Fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-Kunsill kien rappreżentat mis-Sur Tiefensee, il-Ministru Federali tat-Trasport, Bini u Affarijiet Urbani Ġermaniż, u l-Kummissjoni mill-Viċi-President Barrot. Ftit qabel nofs il-lejl, il-Kumitat ġie aġġornat, wara li ma rnexxilux jilħaq qbil.

Djalogu ieħor bejn it-tliet partijiet sar fid-19 ta' Ġunju: għal darb'oħra, is-Sur Tiefensee u s-Sur Barrot irrappreżentaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. In-negozjaturi setgħu jilħqu ftehimha proviżorja dwar il-kwistjonijiet pendenti kollha dwar il-fajl dwar l-aċċess għas-suq ferrovjarju; u din kienet approvata b'mod unanimu mil-laqgħa tad-delegazzjoni tal-Parlament li seħħet aktar tard matul il-jum.

Il-Coreper ta l-kunsens tiegħu fl-20 ta' Ġunju u sussegwentement il-proċedura ta' konċiljazzjoni kienet konkluzja bi skambju ta' ittri bejn il-presidenza fil-kariga u l-Kunsill u ċ-chair tad-delegazzjoni tal-PE.

Il-punti ewlenin tal-ftehimha milħuqa jistgħu jkunu miġbura kif ġej:

- Komitoloġija: Miżuri meħtieġa biex ikunu adattati l-annessi mad-Direttiva 91/440/KEE u d-Direttiva 2001/14/KE se jkunu adottati bi qbil mal-proċedura 'regolatorja bi skrutinju'.
- Taxxa: Bi qbil mal-pożizzjoni tat-tieni qari tal-PE, dispożizzjonijiet li jirregolaw it-taxxa fuq servizzi ferrovjarji internazzjonali ta' passiġġieri biex jiffinanzjaw servizzi tal-passiġġieri ferrovjarji pubbliċi jinkludu l-istipulazzjoni li 'it-taxxi totali imposti ... m'għandhomx jipperikolaw il-vijabilità ekonomika tas-servizz ferrovjarju tal-passiġġieri li fuqu huma imposti'; u li l-kumpens imħallas m'għandux jaqbeż l-ispiża totali li saret fit-twettiq ta' l-obbligi rilevanti tas-servizz pubbliku.
- Irrappurtar ta' l-obbligi: Il-Parlament laħaq il-mira tiegħu li jiżgura li, meta l-Kummissjoni tirrapporta fl-2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, hija tkun obbligata wkoll biex tanalizza l-iżvilupp tas-suq inkluż l-istat ta' preparazzjoni għal aktar ftuħ tas-suq ferrovjarju u, jekk xieraq, tipproponi miżuri addizzjonali biex iwasslu għal aktar liberalizzazzjoni ta' l-aċċess tas-suq ferrovjarju.

## KONKLUŻJONI

It-Tielet Pakkett Ferrovjarju, li din id-Direttiva hija parti minnu, huwa korp importanti tal-leġiżlazzjoni tat-trasport. Il-ftehimha milħuqa waqt il-proċedura ta' konċiljazzjoni tindirizza l-kwistjonijiet ewlenin preżentati mill-emendi tat-tieni qari tal-Parlament mad-Direttiva dwar l-aċċess tas-suq ferrovjarju. Id-delegazzjoni, b'mod xieraq, tirrakkomanda li l-Parlament japprova t-test konġunt fit-tielet qari.

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' infrastruttura għall-kapaċità tal-ferroviji u l-intaxxar tal-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-ferroviji	
<b>Referenzi</b>	PE-CONS 3635/2007 – C6-0212/2007 – 2004/0047(COD)	
<b>Chairman tad-delegazzjoni: Viċi-President</b>	Alejo Vidal-Quadras	
<b>Kumitat responsabbli Chairman:</b>	TRAN Paolo Costa	
<b>Rapporteur(s)</b>	Georg Jarzembowski	
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2004)0139	
<b>Data ta' l-ewwel qari tal-PE - Numru P</b>	28.9.2005	P6_TA(2005)0354
<b>Proposta modifikata tal-Kummissjoni</b>		
<b>Pożizzjoni komuni tal-Kunsill Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	5895/2/2006 – C6-0309/2006 28.9.2006	
<b>Pożizzjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 251(2), it-tieni subparagrafu, it-tielet inċiż)</b>		
<b>Data tat-tieni qari tal-PE - Numru P</b>	18.1.2007	P6-TA(2007)0003
<b>Opinjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt (c))</b>	COM(2007)0078	
<b>Data meta l-Kunsill irċieva t-tieni qari</b>	2.3.2007	
<b>Data ta' l-ittra tal-Kunsill dwar ir-rifjut ta' l-emendi tal-PE</b>	25.5.2007	
<b>Laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni</b>	5.6.2007	
<b>Data tal-votazzjoni tad-delegazzjoni tal-PE</b>	19.6.2007	
<b>Riżultat tal-votazzjoni</b>	+: 24 -: 0 0: 1	
<b>Membri preżenti</b>	Gabriele Albertini, Inés Ayala Sender, Etelka Barsi-Pataky, Paolo Costa, Michael Cramer, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Mathieu Grosch, Stanisław Jałowiecki, Georg Jarzembowski, Anne E. Jensen, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Josu Ortuondo Larrea, Willi Piecyk, Reinhard Rack, Gilles Savary, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Alejo Vidal-Quadras	
<b>Sostitut (i) preżenti</b>	Emanuel Jardim Fernandes, Rosa Miguélez Ramos, Dieter-Lebrecht Koch, Renate Sommer, Corien Wortmann-Kool	
<b>Sostitut (i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni</b>		
<b>Data tal-ftehma fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni</b>		
<b>Ftehma permezz ta' skambju ta' ittri</b>	20.6.2007	21.6.2007



<b>Data ta' meta l-ko-chairpersons stabbilixxew illi t-test konġunt ġie approvat u ntbagħat lill-PE u lill-Kunsill</b>	31.7.2007
<b>Data tat-tressiq</b>	11.9.2007
<b>Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>	...

### ESTENSJONI TAL-PERJODI TA' SKADENZA

<b>Skadenza għat-tieni qari tal-Kunsill</b>	
<b>Skadenza għas-sejħa tal-Kumitat</b> Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba - data	
<b>Skadenza għax-xogħol fil-Kumitat</b> Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba - data	1.8.2007 PE 29.6.2007
<b>Skadenza għall-adozzjoni ta' l-att</b> Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba - data	27.9.2007 PE 29.6.2007